Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Lulju 2025**
**(OR. en)**

**11184/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0524 (COD)**

**CLIMA 243**
**ENV 649**
**ENER 342**
**COMPET 678**
**IND 245**
**MI 500**
**CODEC 957**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 2 ta' Lulju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 524 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 524 final.

Mehmuż: COM(2025) 524 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2025
COM(2025) 524 final

2025/0524 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika

{SWD(2025) 524 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Kif ġie kkonfermat fil-Boxxla għall-Kompetittività[1], l-Ewropa stabbiliet qafas ambizzjuż biex issir ekonomija dekarbonizzata sal-2050. Se tibqa' ssegwi dan il-perkors, b'Patt għal Industrija Nadifa, li għandu l-għan li jiżgura li l-UE tkun post attraenti għall-manifattura, inkluż għall-industriji intensivi fl-enerġija, u għall-promozzjoni ta' teknoloġija nadifa u mudelli ta' negozju ċirkolari ġodda, sabiex tilħaq l-objettivi maqbula tagħha ta' dekarbonizzazzjoni. L-implimentazzjoni tagħhom se ssaħħaħ ukoll l-indipendenza enerġetika tal-UE mill-fjuwils fossili importati. Kif ġie enfasizzat fir-Rapport ta' Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea[2], id-dekarbonizzazzjoni ma hijiex biss kruċjali għall-pjaneta, iżda wkoll mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku meta tkun integrata mal-politiki industrijali, tal-kompetizzjoni u tal-kummerċ.

L-UE stabbiliet il-miri klimatiċi tagħha għall-2030 u għall-2050 fir-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika (il-Liġi Ewropea dwar il-Klima).

L-Artikolu 4(3) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima jirrikjedi mira klimatika intermedja għall-2040 biex jiġi stabbilit ir-ritmu għat-tnaqqis madwar l-UE kollha tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra. L-istabbiliment ta' mira għall-2040 se jipprovdi lill-investituri u lin-negozji tal-UE prevedibbiltà u indikazzjoni ċara tal-perkors ta' tranżizzjoni meħtieġ, biex jixpruna d-deċiżjonijiet kummerċjali u l-investiment privat jiġi sfruttat.

Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040[3], li tistabbilixxi perkors mill-mira intermedja għall-2030 li diġà ntlaħaq qbil dwarha għan-newtralità klimatika sal-2050. Filwaqt li qieset il-parir xjentifiku mogħti mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata u rapport dwar il-baġit tal-karbonju[4], il-Komunikazzjoni ppreżentat tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbel mal-livelli tal-1990 bħala l-mira rakkomandata għall-2040.

Mira ta' 90 % tpoġġi lill-UE fuq perkors li jipprovdi l-akbar benefiċċji ġenerali f'termini ta' kompetittività, reżiljenza, indipendenza, awtonomija, tranżizzjoni ġusta u l-iżgurar li l-UE tissodisfa l-impenji tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi.

L-UE tirrikonoxxi t-tibdil fil-klima bħala theddida eżistenzjali marbuta mill-qrib mas-sigurtà globali, mal-paċi u mal-iżvilupp sostenibbli. Bil-mira għall-2040, l-UE se tibqa' ssegwi l-perkors tagħha fir-rigward tal-azzjoni klimatika tagħha filwaqt li tkompli tinteraġixxi b'mod diplomatiku mal-pajjiżi sħab biex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali u tintlaħaq in-newtralità klimatika.

[1] COM(2025) 30 final.
[2] Ir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE.
[3] COM(2024) 63 final.
[4] SWD(2024) 63 final.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-UE qiegħda ssegwi aġenda ta' dekarbonizzazzjoni ambizzjuża. Il-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" ipoġġi lill-UE fil-perkors biex tilħaq il-miri klimatiċi tagħha b'mod ġust, kosteffettiv u kompetittiv. L-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas leġiżlattiv stabbilit biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030 huma prekundizzjoni biex l-UE tibqa' fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira għall-2040 fi triqitha lejn in-newtralità klimatika fl-2050.

Il-valutazzjoni tal-impatt[5] li takkumpanja l-komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040 turi li l-ilħuq ta' mira klimatika għall-2040 jimplika sforzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-setturi kollha, u titjib tal-assorbimenti, li jeħtieġ li jkun possibbli bis-saħħa ta' diversi politiki. Is-soluzzjonijiet kollha tal-enerġija b'livell żero u baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (inklużi s-sorsi rinnovabbli, l-enerġija nukleari, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin, is-CCS, is-CCU, l-assorbimenti tal-karbonju, l-enerġija ġeotermali u l-idroenerġija, u t-teknoloġiji l-oħra kollha attwali u futuri tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti) huma meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija sal-2040. Wara l-istabbiliment tal-mira għall-2040, u f'konformità mar-rieżamijiet previsti, il-Kummissjoni se tħejji arkitettura tal-politika lil hinn mill-2030 filwaqt li tqis l-ekwità, in-newtralità teknoloġika, u l-kosteffiċjenza filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività tal-UE, tiżgura tranżizzjoni ġusta u ssaħħaħ is-sostenibbiltà ambjentali.

Meta tfassal tali arkitettura futura, il-Kummissjoni se teżamina kif is-simplifikazzjoni u l-flessibbiltajiet fis-setturi kollha jistgħu jiffaċilitaw l-ilħuq tal-mira għall-2040, u jrawmu l-konverġenza filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri. Għandhom jitqiesu wkoll l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, inkluża t-teknoloġija spazjali. L-arkitettura futura għandha tirrifletti wkoll il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' investiment meħtieġa, sabiex jiġu indirizzati l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tat-tranżizzjoni. Il-politiki għall-implimentazzjoni tal-mira klimatika għall-2040 se jkunu ggwidati mis-solidarjetà u mill-ġustizzja sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għall-Istati Membri kollha u għaċ-ċittadini tagħhom.

Meta tfassal l-arkitettura tal-politika lil hinn mill-2030, il-Kummissjoni beħsiebha tinkludi rwol għall-użu limitat ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi fit-tieni parti tad-deċennju 2030-2040. Ir-rwol speċifiku u l-użu tagħhom ikunu jeħtieġu li jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa u jkunu soġġetti għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni li jistabbilixxi kriterji u standards robusti u ta' integrità kbira, u kundizzjonijiet dwar l-oriġini, it-twaqqit u l-użu ta' tali krediti. Fil-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-qafas ta' wara l-2030, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-użu limitat possibbli ta' krediti internazzjonali, sabiex 3 % tal-emissjonijiet netti tal-UE tal-1990 ikunu jistgħu jingħaddu mal-mira tal-2040. Jekk il-pakkett ta' wara l-2030, kif adottat mill-koleġiżlaturi, jinkludi perċentwal differenti ta' krediti, il-Kummissjoni tista' tipproponi li temenda l-Liġi dwar il-Klima fil-kuntest tar-rieżami stabbilit fl-Artikolu 11. Dawn il-krediti internazzjonali ma għandhomx jaqdu rwol għall-konformità fis-suq tal-karbonju tal-UE. Dawn il-krediti internazzjonali għandhom jitqiesu abbażi ta' trajettorja lineari u għandhom jiġu minn attivitajiet kredibbli u trasformattivi, u jappoġġaw lil pajjiżi terzi bi trajettorji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet netti li huma kompatibbli mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2 °C u li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali filwaqt li jiġi appoġġat il-ħolqien ta' ktajjen tal-provvista b'emissjonijiet żero netti. F'konformità mal-Artikolu 6 tal-

[5] SWD(2024) 63 final.

Ftehim ta' Pariġi, l-UE għandha tilħaq ftehim mal-pajjiżi terzi kkonċernati dwar il-kondiviżjoni tal-benefiċċji tal-mitigazzjoni.

L-arkitettura futura għandha tinkludi wkoll inċentivi, eż. fl-okkażjoni tar-rieżami tad-Direttiva dwar l-ETS fl-2026, biex jinbena argument għall-vijabbiltà għall-assorbimenti permanenti domestiċi tal-karbonju (pereżempju l-Qbid tal-Emissjonijiet Bijoġeniċi bil-Ħżin tal-Karbonju (BioCCS, Biogenic emissions Capture with Carbon Storage) u l-Qbid mill-Arja bil-Ħżin tal-Karbonju (DACCS, Direct Air Capture with Carbon Storage)) biex jiġu kkumpensati l-emissjonijiet residwi minn setturi diffiċli sabiex jitrażżnu.

Bħala l-pass li jmiss, il-Kummissjoni se taħdem mal-Presidenza tal-Kunsill biex tiffinalizza l-komunikazzjoni tal-NDC, li se tinkludi wkoll ċifra indikattiva għall-2035, lill-UNFCCC qabel il-COP 30.

Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-konsistenza tal-inizjattiva mal-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(4) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-inizjattiva hija marbuta ma' ħafna oqsma ta' politika oħrajn, peress li l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE għandhom irawmu l-kompetittività tal-UE, u tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika u futur sostenibbli. Bil-Boxxla għall-Kompetittività u l-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni stabbiliet il-perkors biex terġa' tingħata spinta lid-dinamiżmu ekonomiku fl-UE bi strateġija ta' tkabbir u prosperità li tgħaqqad flimkien il-klima u l-kompetittività. Il-Patt għal Industrija Nadifa għal industriji kompetittivi u impjiegi ta' kwalità jistabbilixxi l-pjan ta' ħidma biex jiġu appoġġati u jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba għall-kumpaniji biex jilħqu għanijiet komuni ta' dekarbonizzazzjoni u biex jibbenefikaw mis-suq globali li qed jespandi malajr għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, li huwa pproġettat li jittrippla għal valur annwali ta' madwar EUR 600 biljun globalment sal-2030[6]. Sabiex tinkiseb il-kompetittività fit-tul tal-industrija tal-UE hekk kif din tgħaddi minn tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, il-Patt għal Industrija Nadifa jipprevedi diversi miżuri, inkluż Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa ġdid, l-istabbiliment ta' Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali li se jkollu l-għan li jimmobilizza sa EUR 100 biljun f'finanzjament għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni innovattivi, qafas tal-akkwist pubbliku rivedut biex jappoġġa l-iżvilupp ta' swieq ewlenin għal teknoloġiji u prodotti nodfa. Il-Patt għal Industrija Nadifa jipprevedi wkoll inizjattivi biex jittejjeb l-aċċess għal materjali kritiċi, biex jiġu promossi metodi ta' produzzjoni ċirkolari u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-industrija tal-UE. L-innovazzjoni għandha rwol ċentrali f'dawn l-isforzi kollha, billi tixpruna l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji, taċċellera t-trasformazzjoni industrijali, u tippermetti lill-kumpaniji tal-UE jkunu minn ta' quddiem fl-ekonomija globali b'emissjonijiet żero netti. L-Unjoni għandha l-għan li żżid il-produzzjoni sostenibbli u reżiljenti fl-Ewropa u għandha toħloq il-kundizzjonijiet it-tajba biex jiġi attirat l-investiment privat u pubbliku tul il-katina tal-valur. Dawn l-isforzi se jgħinu t-tiġdid industrijali tal-UE filwaqt li jnaqqsu l-impronta ambjentali tagħha u jsaħħu r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tagħha.

Il-qafas il-ġdid għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa ġie ppubblikat fil-25 ta' Ġunju u jkompli jissimplifika l-proċess għall-Istati Membri biex jagħtu għajnuna lill-

[6] COM(2024) 163 final.

industriji intensivi fl-enerġija u lis-setturi tat-teknoloġija nadifa, mingħajr ma joħolqu distorsjonijiet kompetittivi bla bżonn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinsab fit-triq it-tajba biex tniedi proġett pilota għall-Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali li ġej diġà fl-2025. Dan il-proġett pilota se jkun irkant b'baġit ta' EUR 1 biljun immirat lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-sħana tal-proċess industrijali u se jkun ta' benefiċċju għall-kumpaniji f'diversi setturi industrijali.

L-iżgurar ta' enerġija affordabbli huwa kundizzjoni ewlenija għall-kompetittività tal-industrija tagħna. Kif enfasizzat fir-Rapport ta' Draghi u l-Patt għal Industrija Nadifa, id-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili importati hija waħda mill-kawżi ewlenin tal-prezzijiet għoljin u volatili tal-enerġija. L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli[7], li jipprevedi azzjoni miftiehma immedjata biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija, avvanzat, b'mod partikolari bl-istabbiliment tat-Task Force għall-Unjoni tal-Enerġija. Il-grilji u l-interkonnessjonijiet huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq tal-elettriku tal-UE u għall-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni tal-enerġija nadifa. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, żviluppa prodotti ġodda biex joffri kontrogaranziji biex tiżdied il-manifattura tal-komponenti tal-grilja u biex tingħata spinta lill-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija. Fl-2025, il-Kummissjoni se tressaq ukoll proposta leġiżlattiva għal Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali (IDAA, Industrial Decarbonisation Accelerator Act ), bl-għan li trawwem produzzjoni kompetittiva, sostenibbli u reżiljenti fl-industriji intensivi fl-enerġija fl-UE.

Il-kisba tal-mira klimatika għall-2040 se tirrikjedi għadd ta' faċilitaturi, bħall-iżgurar tal-kompetittività tal-industrija Ewropea, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni; enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd lura; u kundizzjonijiet ekwi mas-sħab internazzjonali, kif muri fil-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040. Abbażi ta' involviment attiv mal-mexxejja tan-negozju, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, mill-bidu tal-2025, il-Kummissjoni nediet għadd ta' djalogi strateġiċi settorjali mal-industrija. Bħala wieħed mill-eżiti tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Industrija Awtomobilistika Ewropea, il-koleġiżlaturi laħqu ftehim dwar emenda mmirata tar-regolament dwar l-istandards tas-CO2 għal karozzi u vannijiet ġodda tal-passiġġieri, li għandha l-għan li tipprovdi lill-manifatturi tal-karozzi bi flessibbiltà biex jilħqu l-mira tal-emissjonijiet tagħhom għall-2025 u jippreservaw il-kapaċità ta' investiment tagħhom fit-triq lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero. Il-Kummissjoni se tressaq ukoll proposta għal flotot korporattivi nodfa fi tmiem l-2025[8]. Biex tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport filwaqt li trawwem l-iżvilupp industrijali fl-Ewropa, il-Kummissjoni se tressaq ukoll Pjan ta' Investiment għat-Trasport Sostenibbli aktar tard din is-sena, li b'mod partikolari se jkollu l-għan li jnaqqas ir-riskju tal-investiment għall-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli f'setturi li diffiċli jitrażżnu, inkluż l-avjazzjoni u t-trasport fuq l-ilma. Sabiex tiġi ppreservata l-kompetittività tal-industrija tal-azzar u tal-metalli tal-UE, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Azzar u l-Metalli b'miżuri mmirati biex jiżguraw l-aċċess għal enerġija nadifa u affordabbli, jipprevjenu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, jipproteġu l-kapaċitajiet industrijali Ewropej, u jippromwovu ċ-ċirkolarità għall-metalli.

It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa trid tkun akkumpanjata mill-opportunitajiet ta' finanzjament xierqa, li se jikkombinaw il-mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti ma' sorsi ġodda u innovattivi ta' finanzjament. Il-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa

[7] COM(2025) 79 final.
[8] COM(2025) 96 final.

l-ġdid se jnaqqas ir-riskji ta' investiment għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni u jattira l-finanzjament privat. B'total ta' EUR 648 biljun, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tibqa' għodda importanti għall-finanzjament tat-tranżizzjoni b'medja ta' 42 % tal-baġit totali ddedikat għall-miżuri ekoloġiċi fl-Istati Membri kollha. Mill-2013, l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet iġġenerat aktar minn EUR 230 biljun ta' dħul li għandu jiġi investit mill-ġdid f'miżuri klimatiċi u tal-enerġija, inkluż biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju. Mill-2026 'il quddiem, il-Fond Soċjali għall-Klima (SCF) li għadu kif ġie stabbilit se jpoġġi EUR 86.7 biljun disponibbli biex jappoġġa lill-individwi vulnerabbli u lill-mikrointrapriżi fit-tranżizzjonijiet tal-enerġija u tat-trasport. Il-proposta li jmiss dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali se tipprovdi aktar ċarezza dwar il-finanzjament pubbliku disponibbli għat-tranżizzjoni, kif ukoll sinerġiji meħtieġa ma' investimenti privati u għodod finanzjarji innovattivi.

Il-kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fl-Ewropa u globalment jinħolqu tassew meta pajjiżi oħrajn jadottaw ipprezzar tal-karbonju għalihom, li jikkontribwixxi wkoll għal żieda fl-ambizzjoni klimatika globali. It-Task Force għad-Diplomazija tas-Swieq tal-Karbonju u tal-Ipprezzar tal-Karbonju Internazzjonali tal-Kummissjoni tkompli tinvolvi ruħha mal-pajjiżi sħab u tappoġġahom biex jistabbilixxu swieq tal-karbonju u jiżviluppaw approċċ globali għall-ipprezzar tal-karbonju. Wara l-fażi tranżizzjonali attwali, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM, Carbon Border Adjustment Mechanism) se japplika fir-reġim definittiv tiegħu mill-2026. Billi jikkonferma li jkun tħallas prezz għall-emissjonijiet tal-karbonju inkorporati ġġenerati fil-produzzjoni ta' ċerti oġġetti importati fl-UE, is-CBAM se jiżgura li l-prezz tal-karbonju tal-importazzjonijiet ikun ekwivalenti għall-prezz tal-karbonju tal-produzzjoni domestika, u li l-objettivi klimatiċi tal-UE ma jiġux imminati. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni "It-twettiq tal-Patt dwar l-Industrija Nadifa" tat-2 ta' Lulju ħabbret miżuri addizzjonali li se jnaqqsu r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-esportaturi Ewropej tal-merkanzija tas-CBAM.

L-objettivi tal-Patt għal Industrija Nadifa biex jissaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-UE huma msaħħa aktar minn erba' pakketti Omnibus ta' Simplifikazzjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-kumpaniji, speċjalment l-SMEs. B'mod partikolari, il-ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-proposta ta' simplifikazzjoni tas-CBAM jinkludi limitu *de minimis* ġdid li se jeżenta 90 % tal-importaturi mir-regoli tas-CBAM, filwaqt li jżomm l-ambizzjoni ambjentali, b'99 % tal-emissjonijiet totali tas-CO2 li għadhom koperti mis-CBAM.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). F'konformità mal-Artikoli 191 u 192(1) tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi sabiex, fost l-oħrajn, jintlaħqu l-objettivi li ġejjin: is-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu ttrattati problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

It-tibdil fil-klima huwa problema transfruntiera. Għal problemi transfruntieri, azzjoni individwali mill-Istati Membri x'aktarx li ma twassalx għal eżiti ottimali. Minflok, azzjoni kkoordinata tal-UE tista' tissupplimenta u ssaħħaħ b'mod effettiv l-azzjoni nazzjonali u lokali. Il-koordinazzjoni fil-livell Ewropew ittejjeb l-effettività tal-azzjoni klimatika.

Mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040 se jkollha implikazzjonijiet fl-ekonomija kollha tal-UE. Hija meħtieġa biex tiggwida firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE u se tkun tirrikjedi reazzjonijiet ta' politika fil-livell tal-UE, lil hinn mill-politika dwar it-tibdil fil-klima. Permezz ta' azzjoni kkoordinata, se jkun possibbli li jitqiesu l-kapaċitajiet differenti tal-Istati Membri u tar-reġjuni biex jagħixxu u jużaw is-setgħa tas-suq uniku tal-UE bħala mutur għal bidla kosteffiċjenti. Barra minn hekk, l-azzjoni klimatika kkoordinata fil-livell tal-UE hija ta' importanza għall-azzjoni klimatika internazzjonali, b'mod partikolari bil-għan li jiġi ddeterminat il-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi li għandu jiġi kkomunikat fil-ħarifa tal-2025.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta għandha l-għan li tipprovdi direzzjoni billi tiddefinixxi aktar il-perkors lejn in-newtralità klimatika. Ma tippreskrivix politiki, teknoloġiji jew miżuri speċifiċi, u tħalli l-flessibbiltà lill-Istati Membri, filwaqt li tqis il-qafas regolatorju sabiex jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040[9] sab li tnaqqis ta' 90-95 % (għażla 3) kien l-aktar proporzjonat biex l-ekonomija tal-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050 u biex l-UE tikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika globali f'konformità mal-miri għat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jiġu segwiti sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

- **Għażla tal-istrument**

L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li tistabbilixxi mira klimatika intermedja għall-Unjoni kollha għall-2040 bil-ħsieb li jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(3) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għalhekk, l-objettiv tal-proposta jintlaħaq l-aħjar permezz ta' Regolament, b'kunsiderazzjoni tal-forma tal-istrument leġiżlattiv eżistenti.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-inizjattiva hija bbażata fuq id-dibattitu wiesa' li kien hemm wara l-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040. Kemm fil-Parlament Ewropew kif ukoll fil-Kunsill, saru diskussjonijiet dwar il-Komunikazzjoni. Bi tħejjija għall-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040 u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika, li damet mill-31 ta' Marzu 2023 sat-23 ta' Ġunju 2023. L-inizjattiva hija bbażata wkoll fuq il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ESABCC, European Scientific Advisory Board on Climate Change). F'Ġunju 2023, il-Bord Konsultattiv ippubblika parir li jirrakkomanda mira għall-2040 għall-UE biex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu fil-medda ta' 90-95 % meta mqabbla mal-1990[10]. Il-Bord Konsultattiv adotta wkoll rapport li fih ivvaluta l-progress u l-konsistenza tal-politiki[11]. F'Ġunju 2025, il-Bord Konsultattiv adotta rapport li jirrevedi r-rakkomandazzjoni

[9] SWD(2024) 63 final.

[10] Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Scientific advice for the determination of an EU-wide 2040 climate target and a greenhouse gas budget for 2030-2050, DOI: 10.2800/609405.

[11] Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Towards EU climate neutrality: progress, policy gaps and opportunities, Assessment Report 2024, DOI:10.2800/216446.

tiegħu tal-2023 fid-dawl tal-kuntest li qiegħed jevolvi, li fih afferma mill-ġdid ir-rakkomandazzjoni preċedenti tiegħu[12].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Fil-kuntest tal-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt dettaljata, li tipprovdi analiżi dettaljata tal-livelli differenti tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2040 u l-perkorsi settorjali assoċjati li jgħaqqdu l-2030 man-newtralità klimatika sal-2050. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll rapport dwar il-baġit tal-gassijiet serra indikattiv ipprojettat tal-Unjoni għall-perjodu 2030-2050, kif meħtieġ skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

L-analiżi fil-valutazzjoni tal-impatt tkopri s-setturi kollha li fihom hija meħtieġa azzjoni biex l-UE tilħaq l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika għall-2050. Hija bbażata fuq il-leġiżlazzjoni tal-Patt Ekoloġiku u l-azzjonijiet tar-REPowerEU biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-enerġija.

Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat fid-dettall l-implikazzjonijiet ta' tliet għażliet ta' miri għall-2040.

Id-differenza ewlenija bejn l-għażliet hija fir-ritmu tat-tranżizzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt sabet li l-għażla 3 hija l-aktar effettiva biex l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050, bi tnaqqis akbar fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra qabel l-2040. Konsegwentement, din timplika inqas sforz addizzjonali wara l-2040 biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti sal-2050. L-għażla 3 twassal ukoll għall-aktar emissjonijiet ta' gassijiet serra kumulattivi baxxi (il-"baġit tal-GHG") għall-UE, li jagħmilha l-aħjar għażla f'termini tal-kontribut tal-UE biex tillimita t-tibdil fil-klima u biex tagħti l-aktar spinta kredibbli lis-sħab li l-UE għandha madwar id-dinja biex jaċċelleraw l-azzjoni klimatika. Il-mira rakkomandata tal-Kummissjoni ta' 90 % hija l-limitu inferjuri tal-għażla 3 u l-limitu superjuri tal-għażla 2.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ta opinjoni pożittiva b'riżervi fit-22 ta' Diċembru 2023[13], b'rakkomandazzjonijiet għal titjib. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet emendata kif xieraq.

Barra minn hekk, f'Mejju 2024, il-Kummissjoni ppubblikat rapport dwar l-operat tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima[14]. Dan jispjega fid-dettall l-azzjonijiet meħuda mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, hija tikkontribwixxi għall-objettiv ta' livell għoli ta' ħarsien ambjentali f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[15].

12 Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, Scientific advice for amending the European Climate Law – Setting climate goals to strengthen EU strategic priorities, DOI: 10.2800/1978453.
13 SEC(2024) 64 final.
14 COM(2024) 196 final.
15 ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatti indiretti fuq il-baġits tal-Istati Membri se jiddependu mill-għażla tagħhom ta' politiki u miżuri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni oħrajn, u se jirriżultaw l-aktar mill-proposti komplementari possibbli biex jiġu riveduti strumenti relatati jew jiġu proposti oħrajn ġodda biex jitwassal it-tnaqqis addizzjonali meħtieġ fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

L-implimentazzjoni ta' din il-proposta mhux se tirrikjedi żieda fil-kapaċità mis-servizzi tal-Kummissjoni, kif stabbilit fid-dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva mehmuża.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapportar trasparenti u regolari mill-Istati Membri flimkien ma' valutazzjonijiet robusti mill-Kummissjoni u mekkaniżmi biex jiġi żgurat li l-progress jiġi vvalutat huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-UE tibqa' fit-triq it-tajba lejn l-ilħuq tal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050. L-inizjattiva ma tbiddilx l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 fih l-emendi proposti kollha għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, jiġifieri:

l-Artikolu 1 dwar is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni: għandha tiġi inkluża referenza għall-mira klimatika għall-2040 b'rabta mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

l-Artikolu 4 dwar il-miri klimatiċi tal-Unjoni intermedji: għandha tiġi stabbilita l-mira għall-Unjoni kollha għall-2040, abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt dettaljata li takkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040, u filwaqt li jitqies il-parir xjentifiku tal-ESABCC. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għall-UE kollha tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs, National Energy and Climate Plans) finali u aġġornati[16] turi li l-UE bħalissa tinsab fi triqitha biex tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'madwar 54 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, jekk l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri nazzjonali u l-politiki tal-UE eżistenti u dawk ippjanati. Għalhekk, l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-UE għall-2030 li l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-1990. Il-Kummissjoni qieset ukoll il-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-progress li saru fir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-2023, l-eżiti tar-rendikont globali, u kkunsidrat l-elementi stabbiliti fl-Artikolu 4(5) u r-rapport dwar il-baġit tal-gassijiet serra indikattiv ipprojettat tal-Unjoni għall-perjodu 2030-2050. L-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra koperti mill-mira jikkorrispondu għall-emissjonijiet u għall-assorbimenti tal-gassijiet serra madwar l-Unjoni kollha rregolati fid-dritt tal-Unjoni[17]. Id-dispożizzjoni emendata tissostitwixxi l-Artikolu 4(3)-(5) li stabbilixxa l-proċess li wassal għal din l-emenda. B'mod konsistenti mal-mira klimatika tal-UE għall-2030 ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % tal-gassijiet serra netti u l-qafas ta' politika assoċjat tagħha,

[16] COM(2025) 274 final.

[17] Kif spjegat fl-informazzjoni teknika li takkumpanja r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE tal-2024, SWD(2024) 249 final, COM(2024) 498 final.

bin-newtralità klimatika fl-2050 u bil-mira proposta għall-2040 ta' tnaqqis ta' 90 %, il-"baġit tal-GHG" indikattiv li jirriżulta għall-UE matul il-perjodu 2030-2050 huwa stmat li se jkun ta' 16 GtCO2-eq, kif spjegat fl-Anness 14 tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Komunikazzjoni dwar il-mira klimatika għall-2040. Dan il-baġit tal-GHG jaqa' fil-firxa analizzata mill-ESABCC minn xenarji fattibbli kompatibbli ma' tisħin globali ta' 1,5 °C.

2025/0524 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-eżitu tal-ewwel rendikont globali[3] skont il-Ftehim ta' Pariġi[4], konkluż fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fi tmiem l-2023, sab li l-partijiet qed idaħħlu fis-seħħ politiki dejjem aktar effettivi dwar il-klima, iżda li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali urġenti biex id-dinja titqiegħed fit-triq it-tajba biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

(2) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], l-Unjoni naqqxet fil-leġiżlazzjoni objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050, u b'hekk tnaqqas l-emissjonijiet għal żero netti sa dik id-data, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, stabbilixxa mira klimatika intermedja vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 u ppreveda l-istabbiliment ta' mira klimatika intermedja għall-Unjoni kollha għall-2040.

(3) Filwaqt li qieset il-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u abbażi ta' Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata, il-Kummissjoni ppreżentat mira rakkomandata ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 għall-2040 fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Frar 2024 bit-titolu "Niżguraw il-futur tagħna: Il-mira klimatika tal-Ewropa għall-

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Id-Deċiżjoni 1/CMA.5.

4 ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

5 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta”[6].

(4) Sabiex tipproponi l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040, il-Kummissjoni qieset l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta’ Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change) u tal-Bord Konsultattiv; l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, inklużi l-kostijiet ta’ nuqqas ta’ azzjoni; il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa għal kulħadd; il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika; il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, b’mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u s-setturi l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; l-aqwa teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli; l-effiċjenza enerġetika u l-prinċipju “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel”, l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista; l-ekwità u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom; il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; il-ħtieġa li l-bjar naturali jinżammu, jiġu ġestiti u jiġu mtejba fit-tul u li l-bijodiversità tiġi mħarsa u rrestawrata inkluż l-ambjent tal-baħar; il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b’rabta mal-investiment; l-iżviluppi u l-isforzi li saru fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta’ Pariġi u l-objettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC, United Nations Framework Convention on Climate Change); l-informazzjoni eżistenti dwar il-baġit indikattiv ipprojettat tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu 2030-2050.

(5) Sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040, huwa essenzjali li, fost l-oħrajn, jiġi implimentat bis-sħiħ il-qafas maqbul għall-2030, jiġi żgurat u pprovdut appoġġ għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija Ewropea, jiġu żgurati perkorsi ta’ tranżizzjoni bbażati fuq l-aħjar teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli, tiġi stabbilita enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd lura, tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mas-sħab internazzjonali, tiġi dekarbonizzata s-sistema tal-enerġija bis-soluzzjonijiet kollha tal-enerġija b’emissjonijiet żero u baxxi tal-karbonju (inklużi l-enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin, is-CCS, is-CCU, l-assorbimenti tal-karbonju, l-enerġija ġeotermali u l-idroenerġija, u t-teknoloġiji l-oħra kollha attwali u futuri tal-enerġija b’emissjonijiet żero netti), u jiġi organizzat djalogu strateġiku dwar il-qafas ta’ wara l-2030 mas-setturi rilevanti kollha. Bil-Patt għal Industrija Nadifa, l-UE qed tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni b’suċċess, li tiffoka kemm fuq id-dekarbonizzazzjoni kif ukoll fuq it-tiġdid industrijali, inklużi mekkaniżmi ta’ appoġġ għall-industrija Ewropea, aċċess aħjar għall-finanzi pubbliċi u privati, kundizzjonijiet ekwi globali, u kundizzjonijiet abilitanti ċari għall-adozzjoni u l-iskalar ta’ teknoloġiji nodfa, sabiex jissaħħu l-kompetittività industrijali u l-innovazzjoni fl-UE.

(6) Fid-dawl tal-objettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, sal-2040 l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra jenħtieġ li jitnaqqsu u l-assorbimenti jiżdiedu, sabiex l-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra, jiġifieri l-emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, jitnaqqsu fl-ekonomija kollha b’90 % sal-2040 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

(7) Jenħtieġ li tingħata prijorità lit-tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, filwaqt li jiġi kkomplementat b’żieda fl-assorbimenti, inkluż permezz ta’ soluzzjonijiet kemm naturali kif ukoll teknoloġiċi. Fl-iżvilupp tal-pakkett ta’ politika ta’ wara l-2030, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-kontribut tat-tnaqqis gross tal-

6 COM(2024) 63 final.

emissjonijiet meta mqabbel mal-assorbimenti naturali u teknoloġiċi. L-assorbimenti bbażati fuq in-natura u dawk industrijali se jaqdu rwol dejjem akbar fl-ekonomija tal-Unjoni fid-deċennji li ġejjin, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra sa mhux aktar tard mill-2050 u li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Se jiġu żviluppati inċentivi fl-okkażjoni tar-rieżami tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] fl-2026, fejn il-Kummissjoni tbassar li se tipprevedi assorbimenti permanenti domestiċi tal-karbonju fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS", EU Emissions Trading System) biex tikkumpensa għall-emissjonijiet residwi minn setturi diffiċli sabiex jitrażżnu.

(8) L-Unjoni għandha stabbilit qafas regolatorju biex tilħaq il-mira klimatika għall-2030. Fost il-leġiżlazzjoni li timplimenta dik il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi l-EU ETS, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8], li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] li jistabbilixxi miri tal-assorbiment nett tal-karbonju għas-settur tal-użu tal-art. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jeħtieġ li tiġi emendata sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040. Meta tfassal l-arkitettura futura, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, inklużi l-impatti fuq il-kompetittività u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u tikkunsidra li tieħu l-miżuri meħtieġa, inklużi proposti leġiżlattivi kif xieraq. Jenħtieġ li jiġu riflessi b'mod xieraq għadd ta' elementi biex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-mira għall-2040, inkluż kontribut limitat potenzjali għall-mira tal-2040 ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, fit-tieni parti tad-deċennju 2030–2040, f'konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-Ftehim ta' Pariġi; ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi (Qbid tal-Emissjonijiet Bijoġeniċi bil-Ħżin tal-Karbonju (BioCCS, Biogenic Emissions Capture with Carbon Storage) u Qbid mill-Arja bil-Ħżin tal-Karbonju (DACCS, Direct Air Capture with Carbon Storage)) fl-EU ETS; aktar flessibbiltà fost is-setturi. Sabiex jiġu vvalutati l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, l-arkitettura futura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-impatt robusti. L-arkitettura futura jenħtieġ li trawwem ukoll il-konverġenza filwaqt li tqis l-ekwità u l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri, inklużi dawk tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi.

(9) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi stabbilita mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-

---

7 Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj).

8 Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj).

9 Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj).

livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1119 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament (UE) 2021/1119**

Ir-Regolament (UE) 2021/1119 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu, tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2040.";

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafi 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Sabiex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-mira klimatika vinkolanti tal-Unjoni għall-2040 għandha tkun tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet b'effett serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'90 % sal-2040 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

4. Bi tħejjija għall-perjodu wara l-2030, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni sabiex tippermetti l-ilħuq tal-mira stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u tikkunsidra li tieħu l-miżuri meħtieġa, kif xieraq u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata, f'konformità mat-Trattati.

Filwaqt li xi politiki abilitanti diġà ġew implimentati u l-impatt tagħhom diġà huwa viżibbli, dan għadu mhuwiex il-każ għal kollox. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li taċċellera u ssaħħaħ il-qafas ta' abilitazzjoni biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jappoġġaw lill-industrija u liċ-ċittadini Ewropej matul it-tranżizzjoni, b'rispett sħiħ tad-dritt tal-UE.

Fil-qafas tar-rieżami msemmi fl-ewwel subparagrafu, sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-mira stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-elementi li ġejjin ikunu riflessi kif xieraq fil-proposti leġiżlattivi:

(a) Mill-2036, kontribut limitat possibbli lejn il-mira għall-2040 minn krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi ta' 3 % tal-emissjonijiet netti tal-UE għall-1990 li jappoġġaw lill-UE u lil pajjiżi terzi fl-ilħuq ta' trajettorji ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra kompatibbli mal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2 °C, u jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iżjed mil-livelli preindustrijali – l-oriġini, il-kriterji ta' kwalità u kundizzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw l-akkwist u l-użu ta' kwalunkwe kreditu bħal dan għandhom ikunu rregolati fid-dritt tal-Unjoni;

(b) ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS", EU

Emissions Trading System) biex jikkumpensaw għall-emissjonijiet residwi minn setturi diffiċli sabiex jitrażżnu;

(c) flessibbiltà akbar fis-setturi kollha, biex jiġi appoġġat l-ilħuq tal-miri b'mod kosteffettiv;

(d) Il-miri u l-isforzi tal-Istati Membri għal wara l-2030 għandhom jirriflettu l-kosteffiċjenza u s-solidarjetà, fid-dawl taċ-ċirkostanzi nazzjonali;

(e) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-IPCC u tal-Bord Konsultattiv;

(f) l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

(g) il-kostijiet tan-nuqqas ta' azzjoni u l-benefiċċji ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien medju sa twil;

(h) il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa għal kulħadd;

(i) is-simplifikazzjoni, in-newtralità teknoloġika, il-kosteffettività, l-effiċjenza ekonomika, u s-sigurtà ekonomika;

(j) l-azzjoni klimatika bħala mutur għall-investiment u għall-innovazzjoni;

(k) il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u s-setturi industrijali l-aktar esposti għal rilokazzjoni tal-karbonju, sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta;

(l) l-aqwa teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli;

(m) l-affordabbiltà tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, l-effiċjenza enerġetika u l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel";

(n) l-ekwità u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom;

(o) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien;

(p) il-ħtieġa li l-bjar naturali jinżammu, jiġu ġestiti u jiġu mtejba fit-tul u li l-bijodiversità tiġi mħarsa u rrestawrata, kif ukoll li jitqiesu l-inċertezzi b'mod partikolari dawk marbuta mal-impatti tat-tibdil fil-klima fis-settur tal-użu tal-art;

(q) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' investiment, inkluż l-aċċess għall-finanzi pubbliċi u privati;

(r) l-iżviluppi u l-isforzi fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-objettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-objettiv aħħari tal-UNFCCC, kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni lis-sħab tagħha fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 3

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 3

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 3

1.3. Objettiv(i) ..... 3

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 3

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 3

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 3

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 3

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ..... 4

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 4

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 4

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 4

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 4

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 5

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 5

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..... 6

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ..... 6

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 8

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..... 8

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 8

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 8

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 8

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..... 8

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..... 9

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ........ 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ........ 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ........ 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ........ 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta’ riżorsi umani ........ 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ........ 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ........ 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta’ riżorsi umani ........ 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ........ 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi ........ 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ........ 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ........ 29
4.1. Rekwiżiti ta’ rilevanza diġitali ........ 30
4.2. Data ........ 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ........ 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ........ 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ........ 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Azzjoni Klimatika

Intestatura 3 Riżorsi naturali u Ambjent

Titolu 9 – Ambjent u Azzjoni Klimatika

### 1.3. Objettiv(i)

*1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

Il-proposta twettaq l-obbligu tal-Kummissjoni, stabbilit fl-Artikolu 4(3) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li tagħmel proposta leġiżlattiva biex temenda l-Liġi Ewropea dwar il-Klima ħalli tinkludi l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040.

*1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

L-istabbiliment tal-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Il-proposta tistabbilixxi mira klimatika tal-Unjoni għall-2040, fit-triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050. Se tinfluwenza t-tħejjija tal-qafas ta' wara l-2030. Ma tipproponix miżuri ta' politika ġodda u lanqas ma tistabbilixxi miri ġodda speċifiċi għas-settur. Il-qafas ta' wara l-2030 se jiddetermina liema partijiet ikkonċernati se jkunu affettwati.

*1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

Il-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE (kif irrapportat skont ir-Regolament (UE) 2018/1999)

### 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[27]

✓ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

[27] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

| |
|---|
| Wara l-istabbiliment tal-mira klimatika għall-2040, u f'konformità mar-rieżamijiet previsti fil-leġiżlazzjoni, se titħejja arkitettura tal-politika dwar it-tibdil fil-klima lil hinn mill-2030. |

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

| |
|---|
| It-Tibdil fil-Klima huwa sfida transfruntiera li ma tistax tissolva b'azzjoni nazzjonali jew lokali biss. Azzjoni kkoordinata tal-UE tista' tissupplimenta u ssaħħaħ b'mod effettiv l-azzjoni nazzjonali u lokali u ttejjeb l-azzjoni klimatika. |

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

| |
|---|
| L-UE stabbiliet qafas komprensiv ta' politiki biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Diġà bdiet timmodernizza u tittrasforma l-ekonomija bil-għan li tikseb newtralità klimatika. Fl-2023, it-total tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra kien ta' 37 % taħt il-livell tagħhom tal-1990, b'żieda ta' 68 % fil-PDG matul l-istess perjodu, kif muri fir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE tal-2024 (COM(2024) 498). |

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

| |
|---|
| Il-proposta għandha l-għan li tikkomplementa l-qafas ta' politika eżistenti billi tistabbilixxi mira klimatika għall-2040.<br>Hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. |

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

| |
|---|
| - |

## 1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

✓**durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2025 sal-2026,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[28]

✓**Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐·korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn dawn il-korpi jkunu kkontrollati minn korpi rregolati mid-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

---

28 Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

Kummenti

| |
|---|
| It-tim kurrenti se jkompli jimmaniġġja l-inizjattiva. Ma huwa meħtieġ l-ebda persunal addizzjonali. |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Il-proposta tkompli l-Liġi Ewropea dwar il-Klima bl-istess valutazzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, kif diġà huwa l-każ. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tibni fuq il-qafas robust ta' trasparenza għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u informazzjoni oħra dwar il-klima tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, pjuttost milli tistabbilixxi flussi ta' rapportar addizzjonali mill-Istati Membri.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Mhux applikabbli. Il-proposta ma hijiex qiegħda timplimenta programm finanzjarju iżda qiegħda tfassal politika fit-tul. Il-mod ta' ġestjoni, il-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll b'rabta mar-rati ta' żball ma humiex applikabbli.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Skont il-Liġi dwar il-Klima, il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni regolari tal-progress b'rakkomandazzjonijiet u miżuri addizzjonali possibbli.

L-Istati Membri jista' jkollhom dewmien fl-obbligi tagħhom ta' ppjanar u rapportar skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika. Bis-saħħa tas-sistemi ta' rapportar diġà eżistenti u stabbiliti sew dwar l-informazzjoni dwar il-klima (skont ir-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ u integrati fir-Regolament dwar il-Governanza), hemm proċeduri stabbiliti biex jiġi żgurat li r-rapporti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jaslu fil-ħin, isirulhom kontrolli tal-kwalità, li jkunu jistgħu jiġu indirizzati l-lakuni, u li l-Istati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi ta' rapportar tagħhom ikunu jistgħu jingħataw għajnuna.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Din l-inizjattiva ma toħloqx kontrolli/riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. Ma ġiet prevista l-ebda miżura speċifika lil hinn mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Ma ġiet prevista l-ebda miżura speċifika lil hinn mill-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[29] | mill-pajjiżi tal-EFTA[30] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[31] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| 3 | 09 02 03 00 | Diff. | IVA | IVA | LE | IVA |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

29 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
30 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
31 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ❖ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

*3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2 a) | | | | | **0,000** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | **0,000** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[32] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** <…….> | Impenji | =1a+1b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =2 a+2b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |

32 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta’ referenza) | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | “Nefqa amministrattiva”[33] | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| •Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |

33 Sabiex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL DĠ <…….>** | Approprjazzjonijiet | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| DĠ: <…….> | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| •Riżorsi umani | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL DĠ <…….>** | Approprjazzjonijiet | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** | Impenji | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….>** | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-Intestaturi 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva"[34] |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| DĠ: <…….> | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| •Riżorsi umani | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| DĠ: <…….> | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| •Riżorsi umani | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| •Nefqa amministrattiva oħra | | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **TOTAL DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total tal-impenji = Total tal-pagamenti) | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL QFP 2021-2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** | Impenji | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

[34] Sabiex jiġu ddeterminati l-approprjazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ✠ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

*3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL 2021 - 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

*3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

– ✠ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

*3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat*

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)*[35]

| APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI | | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 |
|---|---|---|---|---|---|
| **•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **• Persunal estern (f'FTEs)** | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END mill-"pakkett globali") | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE) | | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Ammin. Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] | - fil-Kwartieri Ġenerali | 0 | 0 | 0 | 0 |
| | - fid-Delegazzjonijiet tal-UE | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta) | | 0 | 0 | 0 | 0 |

35 Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | **0** | **0** | **0** | **0** |

Ma hija meħtieġa l-ebda riżorsa addizzjonali. It-tim kurrenti se jkompli jimmaniġġja l-inizjattiva. Ma huwa meħtieġ l-ebda persunal addizzjonali.

### 3.2.5. *Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali*

| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet diġitali u tal-IT** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021 - 2027** |
|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa tal-IT (korporattiva) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7** | | | | | |
| Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | | | |
| **TOTAL** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |

### 3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ✠ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

Ma hija meħtieġa l-ebda riżorsa addizzjonali. It-tim kurrenti se jkompli jimmaniġġja l-inizjattiva.

– ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP

– ☐ tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

### 3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

– ✠ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | |

| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ✠ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– ☐ indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[36] | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
| Artikolu …………. | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|

## 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

L-ebda rekwiżit ta' rilevanza diġitali. Il-proposta qiegħda tistabbilixxi l-mira klimatika għall-2040 fil-leġiżlazzjoni, u b'hekk tipprovdi prevedibbiltà u indikazzjoni ċara tal-perkors ta' tranżizzjoni meħtieġ. Ma tippreskrivix politiki jew miżuri speċifiċi, u lanqas ma tinkludi rekwiżiti ta' rapportar jew xi rekwiżit ieħor. Ma jistgħux jintużaw mezzi diġitali biex tiġi stabbilita l-mira klimatika għall-2040. Il-proposti komplementari possibbli għar-reviżjoni ta' strumenti relatati jew ta' strumenti ġodda possibbli biex jinkiseb it-tnaqqis addizzjonali meħtieġ fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra jista' jkollhom rekwiżiti ta' rilevanza diġitali, li mbagħad jiġu vvalutati fil-kuntest ta' dawn il-proposti jekk rilevanti.

### 4.2. Data

Ma ġie identifikat l-ebda rekwiżit ta' rilevanza diġitali.

36 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

### 4.3. Soluzzjonijiet diġitali

| |
|---|
| Ma ġie identifikat l-ebda rekwiżit ta’ rilevanza diġitali. |

### *4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà*

| |
|---|
| Ma ġie identifikat l-ebda rekwiżit ta’ rilevanza diġitali. |

### 4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

| |
|---|
| Ma ġie identifikat l-ebda rekwiżit ta’ rilevanza diġitali. |